MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 85/2011

**Go p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Cheryl Gatt**
**ID-22956-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' tmien mija sebgha u disghin Ewro u tnax-il centezmu (€897.12c), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' diversi servizzi moghtija mis-socjeta' attrici skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. A u B, u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-10 ta' Awissu, 2009 kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija sebgha u disghin Ewro u tnax-il centezmu (€897.12c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------